MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 53/2007

Maltacom plc (C22334)

vs

Andrea Vella u b'digriet tal-20 ta' Gunju 2008, gie mahtur l-Avukat Jean Paul Grech bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-konvenuta assenti

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' hames mija u disgha u sebghin Liri Maltin u tmintax –il centesimi [Lm579.18] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21550377 [A/C no. 40059148] li kien installat fil-Flat 1, Marsalforn Guest House, Triq Ir-Rabat, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex, skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Settembru 2007, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."

Ra r-Risposta tal-Avukat Dottor Jean Paul Grech li b'digriet tal-20 ta' Gunju 2008, gie mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-konvenuta, fejn eccepixxa :

"Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza, u ghaldaqstant mhuwiex fil-pozizzjoni li jissolleva l-eccezzjonijiet kollha applikabbli skond il-ligi. Difatti fil-prezent huwa lanqas m'ghandu indirizz, numru tat-telefon jew *email* li jistghu jippermettulu li jaghmel kuntatt ma' din Anrea Vella. Ghalhekk, l-esponenti qieghed jirrizerva li jipprezenta risposta ulterjuri jekk u meta huwa jkun fil-pussess ta' l-informazzjoni kollha mertu tal-kaz.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez".

Fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2008, sama' lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenuta baqghet ma hallset xejn minnu.

Fl-udjenza tal-15 ta' Settembru 2008, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuta, u fl-udjenza tas-19 ta' Settembru 2008, gew miftuha dawn il-kapitoli, u gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenuta.

Sama' l-provi.

Ra d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tliet mija u disa’ u erbghin Euro u tlettax -il centesimi [€ 1349.13] ekwivalenti ghal hames mija u disa’ u sebghin Liri Maltin u tmintax –il centesimi [Lm579.18], ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21550377 [A/C no. 40059148], bl-imghax legali b’effett mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------